# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 405/2014 SM**

**Carmel Borg (I.D. 495665 M)**
**ezercenti l-kummerc bl-isem**
**Ta' Nuzzi & Sons**

**vs.**

**Isabel Giardina**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi hu kreditur tal-intimata fl-ammont ta' tnax -il elf, erba` mija, tnejn u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu, (€12,428.84), (ara foll 5);

1.2. Illi l-ammont fuq indikat jikkonsisti f'bilanc ghal xoghol ezegwit mir-rikorrenti fil-fond proprjeta` tal-intimata u ghall-materjal lilha wkoll minnhu fornit *ai termini* ta' kuntratt t'appalt bejn il-partijiet;

1.3. Illi l-ntimata hallset lir-rikorrenti s-somma t'elf euro, (€1,000.00), bhala akkont;

1.4. Illi l-kreditu tar-rikorrenti hu cert, likwidu u dovut;

1.5. Illi minkejja li debitament interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.6. Illi l-intimat m'ghandha l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti;

1.7. Illi ghalhekk japplikaw l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghhom il-kawza odjerna tista` tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

1.8. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti biex ghar-ragunijiet premessi din il-qorti:

1.8.1. Tisma` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat;

1.8.2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hu kreditur tal-intimat fis-somma fuq indikata ta' €12,428.84, bilanc minn somma akbar ghal xoghol u fornitura ta' materjal lill-intimata skont il-kontratt t'appalt bejn il-partijiet;

1.8.3. Tordna lill-intimat thallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2.0. Rat in-nota tal-intimata datata l-4 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi topponi t-talba biex din il-qorti tisma` l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *stante* li ghandha eccezzjonijiet validi x'isosstni;

2.2. Illi qed tipprevalixxi ruhha mill-artiklu 170(1) tal-Kap 12 fuq gia` indikat biex tipprezenta s-segwenti in kontestazzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti;

2.3. Illi r-ragunijiet ghall-istess huma s-segwenti:

2.3.1. Il-preskrizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti a bazi tal-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3.2. In-nullita` tal-ftehim *stante* in-nullita` tal-fattura tar-rikorrenti *in atti* peress li n-numru tal-VAT mhux dikjarat;

2.3.3. Il-fattura mhix prova ta' kreditu *stante* li ma tilhaqx ir-rekwiziti imposti mil-ligi;

2.3.4. Ir-rikorrenti kellu jiddikjara l-ammont allokat ghat-taxxa fuq il-Valur Mizjud;

2.3.5. M'hemmx konteggjat t'ammont ta' €1,500.00 li kien imhallas mill-intimata;

2.3.6. Illi l-ammont pretiz mhux likwidu;

2.3.7. Illi l-ebda ammont mhu dovut *stante* li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti;

2.3.8. Illi l-kont prezentat hu eccessiv, anke jekk sar xoghol izjed minn dak pattwit;

2.3.9. Illi tirrizerva li tressaq ir-risposti taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti skont il-ligi;

3.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti ghan-nota tal-intimata fuq indikata, datata l-20 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti:

3.1. Illi n-nota tal-intimata fuq riferita ma tipprezenta ebda kontestazzjoni valida;

3.2. Illi t-terminu preskrittiv mhux dak indirizzat mill-intimata izda l-artiklu 2149(a) tal-istess Kap 16;

3.3. Illi m'hemmx kontro-talba ghas-sejba ta' nullita` tal-ftehim jew kontestazzjoni li x-xoghol sar;

3.4. Illi ebda fattura ma tissalda ftehim;

3.5. Illi fattura tikkonferma l-ezistenza ta' ftehim;

3.6. Illi t-talba ghall-pagament hi ghal xoghol effettivament ezegwit;

3.7. Illi l-ammont mitlub hu wiehed cert, likwidu u dovut;

3.8. Illi l-opposizzjoni tal-intimata hi priva minn kull fondatezza u hi intiza biss biex tipprolunga din il-procedura inutilment;

3.9. Illi ghalhekk l-opposizzjoni tal-intimata ghandha tigi respinta, *"molto piu`"* ghaliex ix-xoghol u materjal gew certifikati u stmati minn perit;

4. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, wara li rat in-nota tal-intimata, (ara foll 14), u r-risposta tar-rikorrenti, (ara foll 18), semghet lill-abli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, awtorizzat lill-intimata biex tressaq ir-risposta taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti fit-terminu hemm indikat, (ara foll 22);

5.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata datata is-7 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 fuq riferit;

5.2. Illi x-xoghol *de quo* ma sarx skont is-sengha u l-arti;

5.3. Illi l-kont prezentat mir-rikorrenti hu eccessiv;

5.4. Illi l-ftehim allegat hu null *stante* li l-fattura esebita, (ara foll 5), mhix konformi mall-ligi billi:

5.4.1. La hemm dikjarat in-numru tal-VAT;

5.4.2. Lanqas gie hemm dikjarat il-porzjon tal-hlas li kien ser jithallas f'taxxa tal-VAT;

5.5. Illi r-rikorrenti jrid igib prova tal-hlas li ghamel tat-taxxa *de quo*;

5.6. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 104);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti qed jippretendi €12,428.84 minghand l-intimata bhala bilanc ghal xoghol u materjal li hu ghamel fil-fond tal-intimata fil-fond numru 25, "*Seaview Buildings*", Triq ir-Ridott, ix-Xemxija;

7.2. Illi l-istess xogholijiet saru a bazi ta' kuntratt t'appalt li jezisti bejn il-partijiet;

7.3. Illi qabel ma ta` bidu ghax-xogholijiet in dizamina r-rikorrenti kien baghat stima tal-istess lill-intimat li komplessivament kienet tammonta ghal €4,566.00, (ara foll 102 u 75);

7.4. Illi limitatament ghall-istess stima indikata fil-paragrafu precedenti l-istess intimata mhix tikkontesta l-istess stima, (ara nota ta' sottomissjonijiet tal-istess intimata a foll 123 paragrafu C1);

7.5. Illi kif jirrizulta mill-fattura tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti kien gia` thallas l-ammont t'elf Ewro, (€1,000.00), mill-intimata ghall-istess xoghol u materjal, (ara foll 6);

7.6. Illi fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol originarjament pattwit, kemm l-intimata kif ukoll zewgha talbu lir-rikorrenti diversi xogholijiet addizzjonali, (ara foll 75), u dan, kif ikkonfermat ukoll mir-ragel tal-intimata, (ara foll 100 u 104A), u mill-intimata a foll 80);

7.7. Illi l-kont finali ghax-xogholijiet addizzjonali hekk ezegwiti mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tal-intimata kien jammonta ghal €12,428.84, (ara foll 5 u 6);

7.8. Illi meta l-intimata irceviet dan il-kont koncernanti x-xogholijiet addizzjonali hi hasset li kien eccessiv, (ara foll 80);

7.9. Illi ghalhekk l-intimata rrifjutat li thallas dan l-ammont minnha mitlub mir-rikorrenti, u konsegwentement ittiehdet din il-procedura;

7.10. Illi bil-ghan li jissuperaw dan l-iskop li zviluppa, il-partijiet inkarigaw periti rispettivi biex janalizzaw ix-xogholijiet ezegwiti u jistabbilixxu l-valur tal-istess, u stabbilew is-segwenti:

7.10.1. Illi l-perit inkarigat mill-intimat jsostni li x-xogholijiet in dizamina ma kienux jeccedu aktar minn €9,000.00, (ara foll 96);

7.10.2. Illi min-naha tieghu l-perit tar-rikorrenti jsosstni li x-xogholijiet in dizamina kellhom valur ta' (€12,493.44), (ara foll 69);

7.11. Illi ghalkemm l-intimati offrew li jhallsu parti minn dak pretiz mir-rikorrenti, dan tal-ahhar m'accettax din l-offerta;

7.12. Illi l-intimata tirrizulta li kienet sodisfatta bix-xoghol ezegwit u kien biss wara t-terminazzjoni tal-istess xogholijiet li bdiet tirrifjuta li teffettwa l-pagamenti minnha dovuti u b'hekk tohloq diversi problemi fir-rigward, (ara foll 77);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-kontestazzjoni tal-intimata ghat-talba ghall-hlas tar-rikorrenti, l-istess intimata tissolleva hames (5) eccezzjonijiet preliminari, senjatament:

8.1. Il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8.2. Illi x-xoghol in dizamina ma sarx la skont is-sengha u l-arti, u lanqas kif pattwit;

8.3. Illi l-kont hu wiehed eccessiv u ma jirriflettix il-ftehim pattwit;

8.4. Illi l-ftehim hu null *stante* li l-fattura mhix konformi mall-ligi;

8.5. Illi r-rikorrenti jrid igib prova tal-pagamenti li ghamel lid-dipartment tal-VAT;

Ikkunsidrat:

A. **Preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**:

9. Illi b’risposta ghall-preskrizzjoni sollevata mill-intimata r-rikorrenti jsostni minflok li l-preskrizzjoni applikabbli mhix dik sollevata mill-intimata izda dik stabbilita mill-artiklu 2149(a) tal-istess Kap 16, senjatament il-preskrizzjoni ta’ sentejn, (2);

10. Illi jigi osservat ukoll li l-intimata ssollevat ukoll l-eccezzjoni numru tlieta (3) taghha senjatament li l-kont hu wiehed ezagerat, (ara paragrafi numri hamsa punt tlieta, (5.3.), u tmienja punt tlieta, (8.3.), aktar qabel, u foll 24);

11. Illi konsegwenza tal-istess risposta indikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta li allura l-intimata qed tikkontesta l-*quantum* minnha mitlub;

12. Illi jinghad immedjatament li tali difiza tal-intimata hi legalment insostenibbli;

13. Illi kif qalet il-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Antonia Attard Gialanze vs. Emanuel u Doris Rizzo***, datata d-***29 ta' Jannar, 1998***:

> "... l-insenjament li hareg kien dejjem fis-sens li, salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jaghti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja tacitament ghal preskrizzjoni"

14. Illa gialadarba l-intimata rrispondiet li fil-kwistjoni kollha mertu tal-procedura odjerna hi m'ghandiex taghti l-ammont li r-rikorrenti qed jippretendi li ghandu jiehu minghanda, dan awtomatikament ifisser li l-intimata proprju minhabba din l-allegazzjoni taghha li ma taqbilx mal-*quantum* mitlub minnha mir-rikorrenti, tfisser li allura irrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni;

15. Illi in vista tal-premess, jinghad li din l-ewwel (1) risposta tal-intimata ghandha tigi respinta;

B. **Xoghol mhux skont is-sengha u l-arti**:

16. Illi l-intimat opponiet ghat-talbiet tar-rikorrenti ukoll ghaliex ix-xoghol *de quo* ma kienx sar skont il-ftehim pattwit;

17.0. Illi *nonostante* s-suespost, l-intimata naqset li tressaq provi fir-rigward:

17.1. Kemm li x-xoghol ma kienx tajjeb;

17.2. Kif ukoll li ma kienx skont il-ftehim;

18. Illi f'dan ir-rigward japplika l-principju antik li: *"onus probandi incumbit ei qui dicit*"

19. Illi f'dan ir-rigward l-uniku riferenza ghal xoghol li ma sarx kif suppost tirrizulta biss mid-deposizzjoni tal-Perit tal-intimata, (ara foll 96), liema perit jirrizulta li kien acceda fuq il-post wara li x-xoghol kollu involut kien gia` gie terminat, (ara foll 96);

20. Illi *di piu`*, l-istess intimata sostniet li hi kellha problem biss fuq il-kont li r-rikorrenti kien baghtilha *stante* li:

> "... mill-erbat elef tela` ghal sbatax -il elf Ewro", (ara foll 80);

21. Illi l-allegazzjoni tal-intimata indikata fil-paragrafu precedenti hi wkoll ikkonfermata minn zewgha li jghid:

> "Din il-kwistjoni li ghandna mar-rikorrenti li qalilna mod u zammilna mod iehor", (ara foll 100);

22. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku mis-suespost li mix-xhieda tal-istess intimata u ta' zewgha jirrizulta li ma kellhom l-ebda lanjanza rigwardanti x-xoghol maghmul mir-rikorrenti u mill-materjal minnhu lilhom fornit;

23. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li l-intimata ma resqet l-ebda prova rigwardanti xogholijiet rimedjali allegati u in effetti, lanqas jirrizulta li intavolat xi kontro-talba f'dan is-sens;

24. Illi f'dan ir-rigward l-intimata ssosstni wkoll li r-rikorrenti agixxa in *male fede* meta hu pprezentala stima ezagerata rigwardanti x-xogholijiet addizzjonali, liema xogholijiet zdiedu fuq struzzjonijiet tal-intimata stess u ta' zewgha, (ara foll 104A);

25. Illi jigi sottolineat f'dan ir-rigward li r-rikorrenti kien irrediga rendikont dettaljat biex issosstanzja l-pretenzjoni tieghu, (ara foll 34);

26. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti kien ukoll ta rendikont dettaljat ulterjuri fir-rigward permezz tax-xhieda tieghu minnhu moghtija permezz ta' dikjarazzjoni guramentata fejn spjega b'mod dettaljat ix-xoghol li sar taht kull kap minnhu hemm indirizzat u l l-ispiza korrispondenti ghall-istess, (ara foll 30 *et sequitur*);

27. Illi l-ammonti indikati mill-istess rikorrenti fl-istess dikjarazzjoni guramentata jsibu s-sosssten taghhom fl-istima mhejjija mill-perit *ex parte* li jikkonferma l-ezattezza tal-istess, (ara foll 68 u 69);

28. Illi jigi finalment osservat f'dan ir-rigward li l-intimata lanqas biss ipprovat tattakka l-kredibilita` tar-rikorrenti b'domandi fir-rigward in kontro-ezami;

29. Illi kif jghid *Peter Murphy* f' "*Murphy on Evidence*" *7th Edizjoni, 2000, p. 511* f'dan ir-rigward:

> "Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. Accordingly, it is counsel's duty, in every case:
>
> a. to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions;
>
> b. to put to the witness any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and
>
> c. to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters or would be so able, given the truth of counsel's case";

30. Illi in vista tal-premess, jinghad ukoll li din it-tieni (2) risposta tal-intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

C. **Il-Kont hu wiehed eccessiv u ma jirriflettix il-ftehim**:

31. Illi f'dan il-kap a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed issir riferenza ghall-Kap precedenti fejn giet deliberata l-lanjanza hawn in dizamina u tistrieh fuq l-istess konsiderazzjonijiet hemm epurati, (ara paragrafi numru sittax, (16.), sa tletin (30.), aktar qabel);

32. Illi in vista tal-istess, din it-tielet (3) risposta tal-intimata ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

D. **In-Nullita` tal-Ftehim**:

33.0. Illi din ir-risposta tal-intimata hi bbazata fuq il-fatt li l-fattura lilha pprezentata mir-rikorrenti, (ara foll 5 u 6), mhix konformi mal-ligi billi fiha m'hemmx dikjarat:

33.1. La n-numru tal-VAT li bih jopera r-rikorrenti u

33.2. Lanqas l-ammont ta' hlas rizervat ghall-istess Dipartiment tal-VAT mizmum mir-rikorrenti;

34. Illi fir-rigward jinghad sommarjament li din ir-risposta hi rrilevanti u in-nuqqas riskontrat ma jwassalx ghan-nullita` tal-ftehim kif postulat mill-intimata;

35. Illi d-drittijiet tieghu jaf jarhom bizzejjed id-dipartiment ikkoncernat;

36.0. Illi fir-rigward jinghad li effettivament jirrizulta li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet biex isiru x-xogholijiet in dizamina, u dan, fortifikat ukoll:

36.1. Bi stima pprezentata lill-intimata;

36.2. Bil-presenza tal-intimata u ta' zewgha waqt l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet in dizamina;

36.3. Bil-fattura redotta mir-rikorrenti u mibghuta lill-intimata;

37. Illi ghalhekk jirrizulta li hu pacifiku li l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu effettivament dovut lilhu bhala remunerazzjoni gusta ghax-xoghol minnhu prestat lill-intimata u ghall-materjal lilha wkoll minnhu provdut;

38. Illi rigward l-allegazzjoni tal-intimata rigwardanti l-VAT dovut mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti jispjega li hu ezenti minn tali pagamenti *stante* li l-introjtu annwu tieghu ma jeccediex l-€14,000.00, (ara foll 33);

39. Illi in vista tal-premess, din ir-raba` (4) risposta tal-intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

E. **Prova ta' Pagamenti mir-rikorrenti lid-Dipartiment tal-VAT**:

40. Illi in vista ta' dak rizultanti fil-paragrafu precedenti jigi sottolineat li ghalhekk ir-rikorrenti qatt ma seta` johrog ircevuta fiskali;

41. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat ukoll anke bl-ezistenza stess ta' din il-procedura, li r-rikorrenti qatt ma seta` johrog tali ricevuta fiskali anke ghaliex l-intimata ghada ma hallsitux l-ammont minnhu pretiz;

42. Illi in vista tal-premess, din il-hames (5) risposta tal-intimata ghandha tigi respinta;

**DECIDE:**

43.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

43.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

43.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimata;

43.3. Tiddikjara li r-rikorrenti hu kreditur tal-intimata fl-ammont ta' tnax- il elf, erba` mija u tmienja u ghoxrin euro u erbgha u tmenin centezmu, (€12,428.84), bilanc minn somma akbar ghal xoghol u fornitura ta' materjal lill-intimata skont il-kuntratt t'appalt bejn il-partijiet;

43.4. Tikkundanna lill-intimata Isabel Giardina thallas lir-rikorrenti Carmel Borg is-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

43.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata fuq riferita.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**